# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 31 ta' Mejju, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 8.05pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.45pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |

Uffiċjal Preżenti: Alphonse Zammit - Segretarju Eżekuttiv

Udjenza : 0

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti nru. 22
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport laqgħa tas-Sindki
(4) Mistoqsijiet
(5) Ilmenti
(6) Għeluq tax-xatt
(7) Żjara miż-żgħażagħ f'Cassino
(8) Proġett Hamm
(9) Rapport mis-Segretarju fuq LES
(10) Rapport Kumitat Finanzi
(11) Approvazzjoni Performance Bonus Staff
(12) Approvazzjoni Pagamenti

## 23 (1) Qari tal-Minuti

Is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti ta' proċeduri biex il-minuti tal-laqgħa nru. 22 jiġu mressqa għall-approvazzjoni fil-laqgħa nru. 24.

Dan qed isir għax il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienitx qed taqbel mal-minuti u billi ma setgħetx tkun preżenti mill-bidu tal-laqgħa xtaqet li dawn jiġu preżentati meta hija tkun preżenti biex tkun tista' tagħmel il-kummenti tagħha.

Il-Kunsill qabel ma din is-sospensjoni.

## 23 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Nr. 22)

23.(2) 1 **Laqgħa ma Andrew Hamilton (3 ta' Mejju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar, il-kunsilliera Louis Henwood u Reno Chircop , l-istaff amministrattiv Monica Formosa flimkien mas-sur Joe Robinich kellhom laqgħa fil-premises tal-kunsill mas-sur Andrew Hamilton.

It-tema tad-diskussjoni kienet dik ta' rabta aktar mill-qrib ma' l-HMS Illustrious. (Il-punti tad-diskussjoni huma mehmuża ma dawn il-minuti – App. 1)

23.(2) 2 **Laqgħa mal-Kummissarju Għoli Ingliż (17 ta' Mejju 2006)**

Din il-laqgħa kienet marbuta mal-miġja ta' l-HMS Illustrious fis-7 ta' Lulju 2006.

Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sindku Joseph Casha, il-Viċi Sindku Walter Ahar u il-Kunsillier Louis Henwood u Reno Chircop. (Il-punti tad-diskussjoni huma mehmuża ma dawn il-minuti – App. 2)

Il-Kunsill qabel li joħroġ is-sehem tiegħu ta' Lm100 għal logħob tan-nar (fireworks) bħal ma sejrin jagħmlu iż-żewġ Kunsill Lokali l-oħra tal-Kottonera.

Nota : Il-Kunsillier Louis Henwood daħal għal laqgħa tal-Kunsill (Ħin : 6.45pm)

23.(2) 3 **Seminar Prattiku : Il-Kunsilli Lokali u il-Fondi ta' l-EU (20 ta' Mejju 2006)**

Dan kien seminar ta' ġurnata organizzat fuq inizjattiva tal-Membru Parlamentari Ewropew Joseph Muscat. Attendew għal dan is-seminar il-Viċi Sindku Walter Ahar u Monica Formosa mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

L-għan ta' dan is-seminar kien dwar kif wieħed jista' jagħmel użu iżjed mill-benefiċċji li tagħti l-Unjoni Ewropeja. Hemm ħafna oqsma li wieħed jista' jidħol fihom biex iwettaq proġetti b'fondi mill-Unjoni Ewropeja, basta il-proġetti jkunu serji u ta' fejda.

Rapport aktar fid-dettal ta' dak li ġie preżentat huwa mehmuż ma' dawn il-minuti. – App. 3.

23.(2).4 **Ktieb fuq l-Isla (20 ta' Mejju 2006)**

Saret laqgħa mas-sur Charles Mifsud li qed jaħdem biex jippublika ktieb dwar l-Isla. Ix-xogħol qiegħed fi stat avvanzat ħafna. Hekk kif ikun lest l-ewwel draft tal-ktieb, sejjer jinħatar

board biex jara dan id-draft qabel joħroġ għal pubblikazzjoni għal ħabta ta' Diċembru ta' din is-sena.

23 (2) 5 **Żjara minn grupp Taljan ta' Sbandieratori** **(22 ta' Mejju 2006)**

F'laqgħa li saret bejn is-Sindki tal-Kottonera sar qbil biex jiġu mistiedna dan il-grupp sabiex jagħti wirjiet fil-Kottonera. Dan huwa grupp ta' 35 sbandieratori u li huma il-mistiedna tal-Kunsill tal-Ħamrun.

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment li ħareġ minn din il-laqgħa li bħala ringrazzjament għal dawn il-wirjiet, it-tlett Kunsilli joħorġu l-ispejjeż biex issir ikla għal dan il-grupp. Il-Kunsill qabel li joħroġ is-sehem tiegħu ta' Lm100 u li l-ikla issir fil-lokal ta' l-Isla.

23 (2) 6 **Kulleġġ Edukattiv Kottonera Stedina** **(23 ta' Mejju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha li kien preżenti għal din l-attivita' fejn ġew ippreżentati erba' kopji tad-Dvd u erba' kotba flimkien ma mappa ta' tagħrif dwar l-Isla biex dan jinżamm fiċ-ċentru ta' tagħrif ta' dan il-kulleġġ għall-użu ta' l-istudenti varji.

Is-Sindku għamel kelmtejn għal din l-okkażżjoni.

23 (2) 7 **Seminar dwar il-qalba għall-Euro** **(23 ta' Mejju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv attendew għal seminar ta' nofs ta' nhar imtella' mid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u il-Kumitat tat-tibdil għal munita Ewro. Il-ħsieb huwa li l-Ewro tidħol f'Malta sat-8 ta' Jannar 2008.

23 (2) 8 **Konslu tar-Repubblika Ċeka** **(24 ta' Mejju 2006)**

Is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill mal-Konslu tar-Repubblika Ċeka dwar koperazzjoni aktar fil-qrib ma dan il-pajjiż.

Minn dak li intqal jidher li hemm potenzjal biex isiru proġetti bi sħab ma belt jew raħal f'din ir-repubblika (tagħrif dwar dan huwa mehmuż ma dawn il-minuti – App. 5)

Sar qbil li jitħejja brief dwar l-Isla u tintbagħat lill-Konslu biex jibdew il-kuntatti għal għan ta' koperazzjoni bejn l-Isla u ir-Repubblika Ċeka.

23 (2) 9 **Laqgħa ma l-ispettur tal-pulizija tad-distrett** **(25 ta' Mejju 2006)**

Kienu preżenti is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi punti dwar is-sitwazzjoni tal-lokal.

Għeluq tax-xatt – L-ispettur wiegħed il-koperazzjoni tiegħu u sejjer jagħmel ħiltu biex jipprovdi żewġ pulizija fix-xatt għal ordni pubblika tan-nies.

Ġie imsemmi is-servizz aktar effettiv mil-mobile squad madwar l-Isla speċjalment fil-pjazza f'daħla fi Triq d'Homedes.

23 (2) 10 **Grupp Kuban Los Fakires** **(26 ta' Mejju 2006)**

Saret laqgħa mas-sur Peter Scott, barrani li qed jgħix fl-Isla. Huwa wera ix-xewqa li jġib grupp kuban biex jagħmlu show fix-xatt ta' l-Isla fid-9 ta' Ġunju 2006.

Huwa sejjer iħallas l-ispejjeż kollha inkluż biex dan il-grupp jiġi Malta u anki il-PR. Waqt li il-Kunsill jieħu ħsieb l-organizzazjoni u jipprovdi id-dawl u pjanti.

23 (2) 11 **Stedina lis-Sindku minn Anversa degli Abruzzi**

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden mill-Comune ta' Anversa degli Abruzzi biex jkun preżenti għal ftuħ ta' eżibizzjoni ta' M.C. Esher. Għal raġunijiet familjari is-sindku ma setax jattendi. Il-Kunsill Taljan ġie infurmat.

23 (2) 12 **Il-Kunsill ma ħax tweġieba**

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li għadu ma ħax tweġiba għall-ittri li intbagħtu lil Ministru Jesmond Mugliett (17 ta' Frar 2006) dwar it-Triq Kappillan Franġisk Azzopardi u lill-Ministru Tonio Borg (27 ta' April 2006) dwar l-imħażen tal-Maċina u lid-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (20 ta' Marzu 2006) dwar l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill 2006/2007.

23 (2) 13 **Shelters (Cultural Heritage)**

Anke dwar din il-korrispondenza tal-Cultural Heritage għadhom ma rrispondew xejn.

23 (2) 14 **Ground tal-Football (Ponta)**

Sar xi tibdil fil-pjanti u jidher li il-permess għaddej minn diskussjonijiet. (Ref : App. 4 mehmuż)

23 (2) 15 **Korrispondenza mibgħuta u rċevuta bejn it-3 ta' Mejju u il-31 ta' Mejju 2006 ġiet preżentata fil-laqgħa tal-Kunsill.**

04/0519/06/I <u>Street Lighting Devolution</u>

Il-Kunsill ġie infurmat li il-Kumitat Konġunt għad-dawl fit-triqat approva lin-Nexos Street Lighting bħala il-Kuntrattur tal-Kumitat Konġunt b'effett mill-1 ta' Mejju 2006 sal-31 ta' Mejju 2009.

04/0907/06/I <u>Memo 13/14 2006 Direttur Dipartiment Gvern Lokali</u>

Il-Kunsill diġa' wieġeb għal dawn il-memos dwar mistoqsija parlamentari

18697 / 18552.

04/0911/06/I <u>Mistoqsija Parlamentari nru.18689 dwar ġemellaġġi u fondi mill-EU.</u>

Il-Kunsill wieġeb li għandu ġemellaġġ wieħed mal-belt ta' Cassino fl-Italja u ma rċieva l-ebda fondi biex sar dan il-ġemellaġġ.

04/0917/06/I <u>Memo 15/2006 dwar Kontijiet tal-Kunsill.</u>

Il-Kunsill wieġeb din il-memo.

04/0922/06/I <u>Hermann Bonaci Productions</u>

Il-Kunsill mhux qed jaqbel li jħallas Lm200 biex jipparteċipa fil-programm propost.

04/0933/06/I <u>Stallazjoni ta' reflector fi Pjazza Franġisku Zahra</u>

L-Enemalta infurmat lill-Kunsill li approvat it-talba tal-Kunsill biex dan ir-riflettur jiġi installat.

04/0963/06/I <u>Maratona (Billiard) b'risq il-Fondazzjoni ____________ Persuni b'Disabilita'.</u>

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u jgħin billi joffri trophie għal din l-attivita' imtella' mill-iskola Lorenzo Gafa' Boy's Secondary School Fortini Birgu.

04/0984/06/I <u>Kungress ta' l-Udite imtella mill-ASKLM.</u>

Il-Kunsill irċieca il-programm dwar dan il-Kungress Biennali ta' l-Udite f'Malta bejn il-21 ta' Settembru u l-24 ta' Settembru 2006

04/1002/06/I <u>Tagħrif dwar il-vjaġġ f'Abbruzzo</u>

Il-Kunsill irċieva tagħrif mis-Sindku ta' Scanno dwar mawra li dan il-Kunsill qed iħejji għal pubbliku f'Abbruzzo f'Lulju li ġej. Qed isir avviż bla ħlas fuq Capital Radio u avviż fin-noticeboards tal-Kunsill.

04/1032/06/I <u>Ħaddiem IPSL Ltd. Ħinijiet ta' Xogħol</u>

Il-Kunsill irċieva konferma għat-talba tiegħu mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar il-ħinijiet ta' xogħol proposti mill-Kunsill għal dawn il-ħaddiema.

04/1050/06/I <u>Parteċipazzjoni ta' żgħażagħ għal Steering Meeting EU Project Forum Politik</u>

Minħabba li l-ispejjeż involuti huma ftit għoljin, il-Kunsill ma qabilx li jibgħat

wieħed miż-żgħażagħ għal din il-laqgħa ta' ġurnata.

04/1055/06/I 5-a-side synthetic football (applikazzjoni)

Il-Perit bagħat kopji ta' pjanti ġodda biex jkunu konformi ma dak mitlub.

04/1057/06/I Programm fuq Tv għall-Awstralja

Il-Kunsill approva din it-talba biex isir filming għal programm televiżiv fl-Awstralja.

04/1007/06/I Tislif ta' computers lill-Librerija Pubblika Lokali

Il-Kumitat Lokali fil-Partit Laburista informa lil Kunsill li huma aċċettaw li jisilfu computers għal perijodu ta' żmien biex jintużaw fil-Librerija Pubblika ta' l-Isla

04/1019/06/I Seminar mtella' mill-Onor. MEP Joseph Muscat.

Għal dan is-seminar attendew il-Viċi Sindku Walter Ahar u Monica Formosa mill-istaff tal-Kunsill. Dan is-seminar kien dwar il-Kunsilli Lokali u il-Fondi mill-Unjoni Ewropeja. Kien seminar organizzat tajjeb ħafna.

04/1020/06/I Kontenut ġdid ta' DataTrak

Dan il-kontenut sejjer jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt LES

04/1024/06/I Eu Project 05/2489 (Town Twinning)

Il-Kunsill talab li jingħata aktar tagħrif dwar it-talba tiegħu għal ħlas dovut lill-Kunsill mill-EU għal dan il-proġett.

04/1025/06/I Esher Photo Exhibition Stedina

Is-Sindku Joseph Casha ġie mistieden mis-Sindku ta' Anversa degli Abruzzi biex jattendi għal din iċ-ċerimonja fl-4 ta' Ġunju 2006. Is-Sindku ma setgħax jattendi minħabba impenji oħra personali.

Konferenza f'Brussels. 6/10 ta' Ġunju 2006

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa ma setgħax jattendi għal din il-konferenza imtella' mill-Kumitat Konġunt tal-Kottonera. Sejjer jattendi is-Sindku ieħor mill-Kottonera.

04/1032/06/I Ħaddiema IPSL assenjati mal-Kunsill

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali approva il-ħinijiet ta' xogħol li ippropona il-Kunsill sakemm dawn qed jaħdmu 40 siegħa fil-Ġimgħa.

04/1050/06/I Eu Project – Steering Committee Meeting 15/17 June

Minħabba problemi ta' finanzi il-Kunsill ma setgħax jibgħat għas-spejjeż tal-Kunsill wieħed miż-żgħażagħ biex jieħu sehem f'din il-laqgħa ta' ġurnata ġewwa il-Ġermanja.

04/1053/06/I AVEC Tourism Portal

Il-Kunsill ġie mistieden biex jibgħat promozzjoni tal-lokal biex jitpoġġew fuq dan il-portal. Dan ix-xogħol sar u qed isir.

04/1055/06/I Applikazzjoni ta' 5-a-side pitch

Il-Kunsill irċieva kopja ta' l-alterazzjoni tal-proposta li kienet saret mil-Perit tal-Kunsill lill-MEPA għal 5-a-side synthethic pitch ġewwa il-Ponta.

04/1057/06/I Filming ta' l-Isla Emigranti Maltin

Il-Kunsill approva it-talba ta' Joe Demicoli biex isir filming dwar l-Isla għal programm Emigranti Maltin fl-Awstralja.

04/1063/06/I Ħaddiema IPSL assenjati mal-Kunsill.

Il-Kunsill informa lill din il-kumpanija dwar il-ħidma li dawn il-ħaddiema qed jagħmlu mal-Kunsill, kif kien mitlub mill-istess kumpanija.

04/1065/06/I Programm Laqgħa tas-Sindki (26th – 27th Mejju 2006

Il-Kunsill rċieva l-Agenda għal din il-laqgħa.

04/1071/06/I Avviż Legali 111/2006 – Att Kunsilli Lokali KAP 363

Il-Kunsill rċieva dan l-avviż dwar ir-regolamenti ta' l-2006 li emendew l-għaxar skeda f'din l-att.

04/1075/06/I Eu Project Forum Politik

Il-Kunsill rċieva rapport dwar il-ħidma li saret fit-tielet workshop li inżamm f'Bradford UK.

04/1083/06/I Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali

Il-Kunsill irċieva kopja ta' dan il-ftehim li sejjer jinqara fil-laqgħa tas-Sindki.

04/1089/06/I Jum Ħal-Kirkop

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill ta' Ħal Kirkop għal ta' Jum Ħal Kirkop fid-29 ta' Mejju 2006

04/1096/06/I Qualicities – Stedina għal Ubeda (6th – 8th July 2006)

Minħabba li ma hemmx flus ivvutati għal din il-laqgħa, il-Kunsill ma setgħax jaċċetta din l-istedina. Il-Kunsill għandu fondi taħt dan il-proġett biex jkun jista jattendi għall-aħħar laqgħa li sejra issir f'Diċembru din is-sena.

04/1102/06/I Stedina mill-Ambaxxatur ta' l-Italia f'Malta.

Is-Sindku ġie mistieden għal riċeviment fis-Sala tal-Mediterran għal Konferenzi fit-2 ta' Ġunju 2006

04/1126/06/I Donazzjoni ta' Kotba mill-Ambaxxata Amerikana

Id-Direttur għal Gvern Lokali informa lill-Kunsill li is-Sur Jeffrey Adeson mill-Ambaxxata Amerikana sejjer jippreżenta donazzjoni ta' kotba dwar il-Kultura Amerikana u li din sejra issir fil-Librerija Pubblika Lokali nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2006 fid-9.30am

04/1145/06/I Użu tas-Sala tal-Kunsill (5 ta' Ġunju 2006)

Il-Kunsill approva din it-talba ta' Kathleen Mifsud għall-użu ta' din is-sala.

04/1154/06/I Kumitat Nazzjonali għal bidla fl-Ewro

Dan il-Kumitat talab lill-Kunsill biex jinnomina Kunsillier li jkun il-ħolqa bejn NEEC u il-Kunsill biex jgħin fil-proċess ta' l-informazzjoni.

04/1153/06/I Il-Passjoni fit-Toroq ta' l-Isla

Hemm il-ħsieb li għal matul il-Ġimgħa Mqaddsa 2007 issir Rappreżentazzjoni tal-Passjoni u tal-Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu fit-Triqat ta' l-Isla.

Għal dan il-għan il-Kumitat Organizzattiv qed jistieden lis-Sindku Joseph Casha jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill f'dan il-kumitat biex fix-xhur li ġejjin iwettaq ħidma għal dan il-għan.

Il-Kunsill qabel li mas-Sindku jkun hemm il-Kunsillier Louis Henwood wkoll. Is-Sindku Joseph Casha stqarr li din hija inizjattiva tajba ħafna u ilu żmien li xtaq li jkun hemm xi ħaġa bħal din.

## 23 (3) Rapport laqgħa tas-Sindki (26/27 ta' Mejju 2006)

Is-Sindku Joseph Casha li attenda għal din il-laqgħa li saret f'Għawdex, qara rapport imħejji minnhu dwar dak li seħħ f'din il-laqgħa (kopja mehmuża – App 6).

## 23 (4) Mistoqsijiet

Kien hemm mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsillier Charmaine Gerada dwar l-għoti ta' rikonoxximent f'Jum l-Isla. (kopja mehmuża – App. 7)

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li kien bi ħsiebu iressaq din il-mistoqsija għad-diskussjoni. Billi il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienetx preżenti sejjrin jitressqu fil-laqgħa li jmiss fil-preżenza tal-Kunsillier Charmaine Gerada.

## 23 (5) Ilmenti

Kopja ta' l-ilmenti mehmuża.

## 23 (6) Għeluq tax-Xatt fl-Isla

Minħabba li is-Sindku u il-Viċi Sindku stqarrew li għandhom kunflitt ta' interess f'dan l-item huma talbu li joħorġu mill-laqgħa. Pero minħabba li il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienetx preżenti dan kien ifisser li il-Kunsill ma kienx sejjer ikollu quorum. Għaldaqstant sar qbil li dan l-item jitħalla għal aktar tard meta tkun preżenti il-Kunsillier Charmaine Gerada u jkun hemm quorum.

Minħabba li il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għall-laqgħa (8.05pm) il-Kunsill setgħa jiddiskuti dan l-item.

Sar suġġeriment li flok il-Kunsill joqgħod jiddiskuti għal darba oħra kif sejjer isir l-għeluq tax-xatt, tintuża' il-proċedura li intużat is-sena ta' qabel.

Kien hemm qbil unanimu.

## 23 (7 - 10)

Sar suġġeriment biex dawn l-erba' items fuq l-Aġenda jittieħdu flimkien minħabba li ġew diskussi fil-Kumitat tal-finanzi (kopja mehmuża – App. 8).

Il-Kunsill approva il-proposti imressqa mill-Kumitat tal-Finanzi fil-laqgħa nru. 2 li huma:

- Minuta 2 żjara f'Cassino ta' żgħażagħ mill-Isla
- Minuta 3 dwar il-parteċipazzjoni ta' żgħażugħ fl-isteering committee ġewwa Hamm (16/18 June 2006)
- Minuta 4 Rapport LES
- Minuta 5 Fustuni tad-dawl fix-Xatt (Vot ta' Lm120)
- Minuta 6 Kwotazzjoni MSD
- Minuta 7 Uniformijiet Staff u ħaddiema tal-Kunsill (Vot ta' Lm450)
- Minuta 8 Drama fl-edukazzjoni - _______________ (Vot ta' Lm350)
- Minuta 9 Wirja ta' sbandieratori ___________ (Vot ta' Lm100)
- Minuta 10 Żjara HMS Illustrious (Vot ta' Lm100)

## 23 (9) Approvazzjoni Performance Bonus Staff

Is-Segretarju Eżekuttiv irtira mill-laqgħa biex il-Kunsill jkun liberu li jiddiskuti l-approvazzjoni tal-performance bonus għal ħidma tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv full time mal-Kunsill.

Wara id-diskussjoni, il-Kunsill approva il-Performance Bonus kemm tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll ta' l-iskrivana jingħata in full – 10% u 6% rispettivament.

Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fejn irrimarka li għalkemm il-leave huwa dritt tiegħu, nixtiequ li fejn jidħol safar fit-tul li ma jkunx xogħol tal-Kunsill jiġi evitat.

## 23 (12) Approvazzjoni Ħlas ta' Pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-ħlas ta' pagamenti ta' Lm4,333.91u ta' Lm4,240.04 li jammontaw għal total ta' Lm8,573.95

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.16pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |